MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2010

Appell Kriminali Numru. 86/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Gilbert Buhagiar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Gilbert Buhagiar talli fid-29 ta’ Awissu 2009 ghall-habta tat-8:00 u fil-hin ta’ qabel go u biswit Daily Needs No 7 Triq il-Granmastri Marsascala:

(1) naqas li jhares l-ikel (prodotti tal-halib) kontra kull kontaminazzjoni li x’aktarx tirrendi dak l-ikel mhux tajjeb ghall-konsum mill-bniedem, dannuz ghas-sahha jew kontaminat b’tali mod li ma jkunx ragonevoli li wiehed jippretendi li dan ghandu jigi kkunsmat f’ dak l-istat;

(2) zamm prodotti mitmuma (prodotti tal-halib) f'temperaturi li jistghu jirrizultaw f' riskju ghas-sahha;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Frar 2010 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Gilbert Buhagiar hati ta' l-ewwel imputazzjoni u kkundannatu multa ta' erba' mija hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87) u lliberatu mit-tieni imputazzjoni;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Gilbert Buhagiar ipprezentat fit-2 ta' Marzu 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti (1) tiddikjara s-sentenza appellata nulla fejn tirrigwarda t-tieni imputazzjoni u konsegwentement thassar, tikkancella u tirrevoka s-sentenza fir-rigward tat-tieni imputazzjoni u terga' tisma l-provi fir-rigward tat-tieni imputazzjoni; (2) minghajr pregudizzju u fl-eventwalita` li l-ewwel talba tigi michuda, tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet l-appellant mhux hati ta' l-ewwel imputazzjoni thassar, tirrevoka u tikkancella l-istess sentenza fejn sabitu hati tat-tieni imputazzjoni u konsegwentement tilliberah mit-tieni imputazzjoni; (3) u fl-eventwalita` li din il-Qorti ma tilqax l-aggravju dwar il-mertu, tirriforma s-sentenza f'dik il-parti taghha li tikkoncerna l-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti osservat l-ewwelnett illi fis-sentenza appellata ma gewx citati artikoli. L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:

**"Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat."**

Ghalhekk is-sentenza appellata tirrizulta difettuza minn wiehed mir-rekwiziti essenzjali kontemplati fl-artikolu 382 ghall-validita` ta' sentenza. Dan irendi s-sentenza appellata nulla. Konsegwentement is-sentenza appellata qed tigi dikjarata nulla u bla effett, hlief f'dik il-parti fejn iddikjarat li l-appellant ma kienx hati tat-tieni imputazzjoni u lliberatu minnha u, a tenur ta' l-artikolu 428(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti sejra tghaddi biex tiddeciedi l-kaz hi stess.

Din il-Qorti semghet il-provi mill-gdid fis-seduta tallum stess u minnhom jirrizulta illi fis-6.55 a.m. tad-29 ta' Awissu 2009 id-distributur tal-halib kien diga` halla l-konsenja (halib u rkotta) li kellu jaghmel lill-appellant wara l-bieb tal-hanut meta kien jaf li l-hanut ma kienx jiftah qabel id-9.00 a.m. Meta l-appellant mar il-hanut u sab il-konsenja wara l-bieb, cempel lid-distributur li assigurah li kien ghadu kemm hallihulu hemm. L-ispetturi tas-sahha (li kienu sabu l-konsenja fis-6.55 – ara ritratti esebiti fil-process – u sabu li t-temperatura kienet inqas minn dik regolamentari) irritornaw u sabu li l-konsenja kienet iddahhlet u kollox kien fil-freezer f'temperatura regolamentari. Fil-presenza taghhom inqalghet kwistjoni bejn l-appellant u d-distributur peress illi l-appellant allura sar jaf illi ma kienx minnu dak li kien qallu d-distributur li kien ghadu kemm hallielu l-konsenja. Jigifieri l-appellant, kif sab il-konsenja, u fuq l-assigurazzjoni li kien tah id-distributur, ha l-passi mehtiega biex ihares il-prodotti billi jdahhalhom fil-freezer. Konsegwentement ma ghandux jitqies hati lanqas ta' l-ewwel imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tiddikjara s-sentenza appellata bhala nulla u bla effett, salv in kwantu sabet lill-appellant mhux hati tat-tieni imputazzjoni li minnha lliberatu u konsegwentement ghalhekk tikkonfermaha in kwantu sabitu hekk mhux hati u lliberatu minn dik it-tieni imputazzjoni, u wara li semghet il-provi u ghamlet il-konsiderazzjonijiet kollha hawn fuq riportati, issib lill-appellant mhux hati wkoll ta' l-ewwel imputazzjoni u minnha tilliberah. Kwantu ghall-prodotti in kwistjoni (halib

u rkotta) li jirrizulta li gew issigillati mill-ispetturi tas-sahha, il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni taghhom minn rapprezentant/i tad-Dipartiment tas-Sahha fil-presenza tar-registratur ta’ din il-Qorti li ghandu jaghmel nota dwar l-operat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------